MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1706/2005

**Emanuel Abela u Joseph Abela**

**vs**

**Buxom Poultry Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-1 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' elf erbgha mija sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm1427) rapprezentanti in parti prezz ta' tiegieg imsemmem, mibjugh u ikkonsenjat lill-konvenuta bejn Jannar u Gunju 2005 u dan wara li tnaqqas il-prezz tal-fellus, u in parti danni kagunati lill-attur wara li s-socjeta attrici ma sejhitx lill-atturi sabiex joqtlu t-tiegieg li kienu qed isemmnu skond il-ftehiem bejniethom, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz ta' l-ittri bonarji.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet ta’l-atturi sabiex is-socjeta konvenut twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet notifikat b’l-avviz f’l-14 ta’ Settembru 2005, naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas s-somma ta’ elf erbgha mija sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm1427) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------